MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1958/2004

**Dr Anthony Cutajar LLD nominat b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2004 Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Clare D. White**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm831) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma, kera u hsarat maghmula mill-konvenuta fl-appartament numru 5, Triq il-Qawra, Triq Gdida f'San Pawl il-Bahar, lilha mikri mill-attur.

Ra r-Risposta tal-Kuratur li biha wiegeb li huwa m'huwiex edott mill-fatti u ghalhekk irriserva li jwiegeb fi stadju ulterjuri meta u jekk jirnexxielu jikkomunika ma' l-assenti minnu rapprezentata.
Ra illi l-Kuratur ikkomunika mal-Bank of Valletta plc izda l-bank infurmah li m'ghandux *forwarding address* ta' l-istess konvenuta u ghalhekk ma rnexxielux jikkomunika ma' l-istess Clare D. White assenti.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Paul Gauci Maistre.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-konvenuta kienet kriet minghand l-attur l-appartament numru 5, Triq il-Qawra, Triq Gdida f’San Pawl il-Bahar u fil-kors ta’ din il-lokazzjoni, meta hija harget minn hemm, l-attur, sabiex jiehu lura l-pussess tal-fond, kellu jizgassa l-bieb principali. Meta zgassa huwa sab xi hsarat fil-post, fis-sens illi ma kienx mantenut tajjeb. Hemm xi hsara f’xi ghamara u ghar-rigward tat-tibjid huwa nefaq mitejn lira Maltin (Lm200) izda minghand il-konvenuta qieghed jitlob mitt lira Maltin (Lm100) biss izda biex jirripara l-ghamara nefaq spiza ta’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm145).

Illi inoltre l-attur qed jitlob lill-konvenuta thallas mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti xahrejn kera, cjoe’ l-ahhar xahrejn qabel ma rnexxielu jiehu ripreza tal-fond u minbarra dan qieghed jitlob is-somma ta’ tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu u tmenin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm367.66c + Lm80.47c) rapprezentanti kontijiet *outstanding* tad-dawl u l-ilma li komplessivament jammontaw ghal tmien mija u tlieta u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm893.13c).
Dawn l-ammonti jidhru gustifikati izda stante li t-talba odjerna hija ghal tmien mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm831), it-Tribunal ma jistax imur oltre l-ammont mitlub.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jsib lill-konvenuta responsabbli ghall-kontijiet pendenti tad-dawl, ilma, kera u hsarat kif mitluba mill-attur u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm831) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------